**9 ta' Ottubru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmelo *sive* Charles Buttigieg

*versus*

Albert Mizzi bħala *Chairman noe*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Konvenzjoni Ewropeja – Diskriminazzjoni – Trattament Inuman jew Degradanti – Azzjoni – Stat u Kumpanija Parastatali – Dritt Pubbliku**

*Ir-rikorrent allega bl-appositu rikors li l-Air Malta Co. Ltd. kumpanija parastatali, kienet ivvjolat id-drittijiet u trattament inuman u degradanti meta tterminat l-impieg inġustament. Is-soċjeta*

*intimata eċċepiet li l-istat biss jista' jirrendi ruħu ħati ta' ksur tad-drittijiet fundamentali. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet din l-eċċezzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza appellata fis-sens li ċaħdet l-eċċezzjoni biss in kwantu jirrigwarda l-azzjini bbażata fuq l-allegazzjoni ta' trattament inuman u degradanti.*

*Id-drittijiet fundamentali huma parti mid-dritt pubbliku u bħala tali esperibbili kontra l-Istat. B'dana kollu fil-każ tad-dritt għall-protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti l-kliem użat huwa tali li jirrendi esperibbili din l-azzjoni anke kontra individwu privat, waqt protezzjoni minn diskriminazzjoni.*

*Għal dak li jirrigwarda l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem id-drittijiet hemm protetti jistgħu jiġu biss esperiti kontra l-Istat.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Charles Buttigieg ippreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fejn wara li espona:

1. Illi huwa ilu mpjegat mal-kumpanija *Air Malta Company Limited* minn Diċembru, 1973 u għandu l-grad ta' *Manager* II;

2. Illi sa' l-10 ta' Awissu, 1987 huwa kien inkarigat mill-*Malta Sales* b'responsabbilità għall-bejgħ ta' passiġġieri, merkanzija u posta;

3. Illi mill-10 ta' Awissu, 1987 huwa ġie rimess mill-inkarigu li kellu u, nonostante l-insistenza tiegħu biex jingħata xogħol konsistenti mal-grad tiegħu, ma ngħata ebda xogħol x'jagħmel, sa kemm fid-19 ta' Awissu, 1988 ġie avvżat li kellu "*take up duties within Mr. Charles Sacco's Section*", ċjoè l-

*Advertising Section* (ara Dok. 'A');

4. dmirijiet u r-responsabbilitajiet tiegħu, ġie infurmat li dak kien *"well nigh impossible"* (ara Dok. 'B');

5. Illi finalment fit-30 ta' Settembru, 1988, huwa ġie mgħarraf li d-*"duties and responsibilities"* tiegħu kienu:

"1. *Assist Manager Advertising in running the Section's day-to-day performance;*

2. *Keep records and control of publicity material and other saleable items in stock;*

3. *Supply publicity material to outsiders and third parties;*

4. *And other duties as may be appointed by the Section Head from time to time";*

(ara Dok. 'C');

6. Illi huwa evidenti li x-xogħol ġdid assenjat lilu huwa inkompatibbli mal-grad tiegħu peress li huma ħafna inferjuri għax huma dmirijiet ta' *'clerk'* (ara Dok. 'D');

7. Illi huwa wkoll sintomatiku l-fatt li għal sena sħiħa huwa ma ngħata ebda xogħol x'jagħmel mingħajr ebda raġuni waħda;

8. Illi l-mod ħażin li bih ġie ttrattat u qed jiġi ttrattat mill-Kumpanija huwa unikament dovut minħabba t-twemmin politiku tiegħu u *qiegħed* b'hekk jiġi diskriminat u umiljat u degradat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, anki fin-

nuqqas ta' faċilitajiet li normalment jingħataw mill-Kumpanija lill-impjegati eżekuttivi oħra;

9. Għalhekk ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti:

a) tiddikjara li l-Kumpanija intimata kkommettiet u qiegħda tikkommetti ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett bl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u bl-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (artikolu 14) peress li mxiet u qiegħda timxi b'mod diskriminatorju kontrih, u ksur tad-dritt fundamentali protett mill-artikolu 36 ta' l-istess Kostituzzjoni u mill-artikolu 3 ta' l-istess Konvenzjoni peress li r-rikorrent ġie u qiegħed jiġi assoġġettat għal trattament degredanti, u

b) tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq ħalli d-drittijiet fundamentali msemmija tar-rikorrenti jiġu mħarsa, prevja l-ħruġ ta' kull ordni u l-għoti ta' kull direttiva li l-Qorti tħoss li jkunu xierqa;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat *nomine* fejn wara li espona illi:

1. Preliminarjament, illi ma teżistix azzjoni għal rimedju għall-ksur tad-drittijiet fundamentali ħlief kontra l-Istat. L-Istat biss jista' jikser id-drittijiet fundamentali. Soċjetà kummerċjali ma tista' tiġi qatt konvenuta biex tirrispondi għall-ksur ta' drittijiet fundamentali;

2. Subordinatament u bla preġudizzju, illi ma saret ebda diskriminazzjoni politika ma' l-intimat, u anqas ma ġie ttrattat

b'mod *degradanti* u inuman;

3. L-aġir ta' l-esponent kien *motivat* esklussivament minn *eżiġenzi ta' servizz*, wara li s-soċjetà konvenuta kienet irċeviet diversi lmenti serji minn klijenti kontra r-rikorrent;

4. Is-soċjetà konvenuta taġixxi biss fuq kriterji ta' kompetenza u effiċjenza professjonali, u anke wara l-bidla fil-Gvern diversi persuni ta' kulur politiku differenti mill-Gvern ġew mogħtija *postings* vantaġġużi, indipendentement mil-lealtà politika tagħhom;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar, 1989, li biha ddeċidiet billi rrespinġiet l-eċċezzjoni preliminari kif espressa fl-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-intimat *nomine* bl-ispejjeż relattivi kontrih u ħalliet għalhekk il-kawża għall-kontinwazzjoni salv xi ostakolu f'każ ta' appell *u dana* wara li kkunsidrat illi:

B'dan li ġej, il-*Qorti* qiegħda tiddeċidi l-eċċezzjoni *preliminari ssollevata mill-intimat nomine* dwar jekk teżistix jew le azzjoni għall-ksur tad-drittijiet fundamentali ħlief kontra l-Istat. Skond l-intimat *nomine*, l-Istat biss jista' jikser id-drittijiet fundamentali. Soċjetà kummerċjali, ma tista' tiġi qatt konvenuta, jissottometti l-istess intimat *nomine*, biex tirrispondi għall-ksur ta' drittijiet fundamentali. Jirrileva l-intimat *nomine* li l-kumpanija konvenuta hija soċjetà kummerċjali, u mhux '*a state-controlled or state owned agency or corporation*'' bħalma huma *l-EneMalta, it-Telemata,* il-*Broadcasting Authority* li, skond hu, għandhom faċilitajiet u funzjonijiet statali. Skond l-intimat *nomine* jkun kontro-sens ġuridiku li tikkonċepixxi vjolazzjoni *privata* tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Qrati

domestiċi, skond l-intimat *noe,* ma jindaħlux f'allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni ta' drittijiet tal-bniedem, ħlief meta l-konvenut ikun l-Istat, jew xi uffiċjal tiegħu. L-intimat *nomine* jiċċita in sostenn tat-teżi tiegħu l-awtur Indjan Das Basu, kif ukoll ġurisprudenza ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u ċjoè *Ex parte Virginia,* 100US 339, 346 – 7(1800) *Shelley vs* S. Kraemer, 334USI, 13(1948), *Terry vs Adams,* 345, *vs* 461, 473(1953); *Civil Rights Cases* – mingħajr ismijiet bid-data 1883(109 US3, 11). F'nota ulterjuri, id-difensur ta' l-intimat *nomine* ċċita wkoll dak li kiteb G. Balladore Pallieri fl-opra tiegħu *Diritto Costituzionale (11th Edition* p. 408) li jestendi l-azzjoni li tista' ssir biss kontra enti pubbliċi u jeskludi espliċitament li tista' tittieħed azzjoni kontra *"un funzionario di polizia o da un privato".* Għall-korrettezza l-Qorti tirrileva li presumibbilment bi żball dattilografiku l-kelma *"polizia"* tidher *"pulizia"* li bit-Taljan għandha tifsira differenti minn dik mogħtija bl-ilsien Malti. Dan qed jiġi rrilevat għax altrimenti s-sinifikat ta' l-espressjoni in kwistjoni jista' jkun wieħed ben divers minn dak realment espress;

Illi qabel ma tgħaddi biex tissentetizza l-argumenti kuntrarji sottomessi mid-difensur tar-rikorrent, il-Qorti tħossha fid-dover li tagħmel rimarka dwar ċerti kummenti 'l hinn u 'l hawn fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent ta' natura merament emotiva, li ma jgħinu xejn fis-saħħa ta' raġonament u għalhekk kien ikun aħjar li tħallew barra. Għall-istess raġuni kwindi, hija *"marte proprio"* tordna li jiġu kkanċellati l-aħħar sitt (6) kelmiet tal-paragrafu bin-numru 6 fin-nota ta' osservazzjonijiet sottomessa taħt il-firma ta' wieħed miż-żewġ difensuri ta' l-intimat *nomine* u li jibdew bil-kliem "u li" sa ".....min jipproponiha";

Kif ingħad diġà, ir-rikorrenti *ma jaqbel* xejn ma' dak *sostenut mill-kontroparti*. Il-kostituzzjoni, isostni hu, ma ikkwalifikatx il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu "fuq il-kriterju ta' min jista' jkun il-vjolatur ta' dawn id-drittijiet". Il-limiti legali ma jikkomprendux il-kwalità tal-persuna li *minnha tali* vjolazzjoni talvolta temana. Jagħmel imbagħad riferenza għall-Kap. IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn *inter alia* hemm espost li ħadd ma jista' jiġi mċaħħad minn dawk il-jeddijiet għajr fil-limiti espressi. Jiċċita wkoll ġurisprudenza lokali f'materja Kostituzzjonali fejn ittieħdu proċeduri minn individwi kontra individwi oħrajn u din l-eċċezzjoni in diżamina ma qamitx. F'kull każ, kompla l-istess rikorrent, il-kumpanija *intimata m'hijiex* entita purament privata billi *wkoll hemm sottoskrizzjoni* fix-"*shareholding* tagħha" da parte tal-Gvern Malti ta' 96.4%, b'Ministru, ossija Segretarju Parlamentari nkarigat minnha;

Irrefera wkoll għall-Att XLIII/1972 dwar l-Avvjazzjoni Ċivili. Skond dana l-Att, sostna r-rikorrenti, anke sempliċi bdil ta' l-"*Articles of Association*" *tas-soċjetà de quo* jista' jseħħ biss b'Riżoluzzjoni mgħoddija mill-Parlament;

Niġu fl-ewwel lok biex nanalizzaw id-dottrina legali *in materia*. Għandu hawn jiġi osservat illi għalkemm huwa utili ferm li wieħed jagħmel riferenza għal awturi u ġurisprudenza estea – in mankanza ta' kitbiet u każijiet lokali speċjalment – wieħed dejjem irid joqgħod attent illi:

1. ma jitlifx il-perspettiva tal-kuntest u sfond li dan l-awtur jew dak il-każ ikun oriġina minnu;

2. li ma jittraskurax u ma jwarrabx x'tgħid kemm il-

Kostituzzjoni tagħha, kif ukoll x'sar f'kuntest lokali; u

3. li kemm jista' jkun wieħed ma jitbiegħedx iżżejjed jew bla ħtieġa mill-fattispeċje u ċirkostanzi rigwardanti l-każ in diżamina;

Kulħadd għandu jaqbel li l-Istati Uniti ta' l-Amerika, f'dik li hija ġurisprudenza u leġislazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem kienet f'dawn l-aħħar erbgħin (40) sena mill-anqas fl-avangwardja ta' dak li huwa enunċjar ta' prinċipji. Huwa tajjeb għalhekk li wieħed jara x'seta' ntqal f'dan il-kontinent però ma jfissirx ukoll b'daqshekk li kull ma ġie jew qed jiġi ritenut għandu allura japplika band'oħra. Fl-Istati Uniti, per eżempju, diversi huma l-awturi fid-dritt kostituzzjonali, fosthom Lawrence Tribe, li jisħqu fuq id-dritt kostituzzjonali tal-mara biex, jekk trid, dina tittermina l-gravidanza. F'pajjiżna, invece l-abort mhux biss jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni imma reat ta' natura kriminali u punit ukoll come tali. Barra mis-sistema amerikan fejn għandek liġijiet statali, issib kumplessità ta' leġislazzjoni li għalina hija estranea. Barra d-drittijiet fundamentali ta' natura kostituzzjonali ssib ukoll leġislazzjoni dwar *'civil rights'* li fil-każ tagħna nsibuhom inkorporati biss fil-Kostituzzjoni;

Il-każ *Shelley vs Kraemer* iċċitat prinċipalment mill-intimat *nomine* jmur lura sa' l-1948. Huwa veru li dan jagħlaq id-dritt ta' azzjoni għal dik li hu jsejjaħ *"merely private conduct"* a differenza ta' *"state action"*, però anki hawn kif żid jgħid ir-rikorrent fin-nota tiegħu – l-itess deċiżjoni tikkwalifika *"state action"* in kwantu din tirreferi għall-*Fourteenth Amendment* għal *"exertion of State power in all forms. And when the effect of that action is to deny rights subject to the Fourteenth*

*Amendment, it is the obligation of this Court to enforce the Constitutional Commands...";*

Għalkemm il-każ surreferit kien wieħed klassiku, ma jistax jingħad li kull ma ġie rritenut, fih ittieħed bħala vanġelu. Għal kuntrarju, il-każ qajjem u għadu jqajjem kontroversji sal-lum, a parti l-fatt ukoll li ġie sorpassat b'każi oħrajn bħal **Peterson u Greenville**, 373 US244, 83S.Ct 119, 10.L.Ed.2d 323(1963); **Bell vs Maryland**, 378, US 226, 84 Set.1814, 12, L.Ed.2nd.822(1964); **Reitman vs Mulkey** (1967), **Jackson vs Metroplitan Edison Co.** (1974), Rendell-Baker *vs* Kohn (1982) u oħrajn;

Ħafna kienu l-awturi fid-dritt kostituzzjonali li taw il-fehmiet tagħhom fuq dina l-kwistjoni. Hekk jgħid Horowitz (ara ***Fourteenth Amendment Aspects of Racial Discrimination in "Private" Housing***, 52, Calif L.Rev.1, 12 – 20(1964):

*"If there is extensive state participation and involvement related to the activities of the discriminator, it is more likely that those activities will be public in nature, with consequent public indignity and humiliation suffered by the person discriminated against, and more likely that denial of access to those activities will be of some significance to the discriminatee";*

Dan l-awtur statunitens imur pass oltre u jissokta hekk:

*"(When) there is governmental assistance to the discriminator in carrying on his activities, and the assistance is being provided to further the purpose of a governmental program designed to provide benefits for the public or a permissible segment of the public, the effect of the discrimination is to deny*

*to the discriminatee the opportunity to have equal opportunity of access to the benefits of the Governmental program'';*

Kemm dina l-kwistjoni, naħa jew oħra, hija dibattibli u ġenwina temerġi anki minn posizzjonijiet kontrastanti li niltaqgħu magħhom fl-Ewropa. F'artikolu riċenti intitolat ''*The Third-Party Applicability of* ***'Drittwirkung'*** *of the European Convention on Human Rights'* (ara l-ġabra ta' studji ad unur ta' Gerard J. Wiarda taħt l-isem ***''Protecting Human Rights: The European Dimension'',*** Heymanns, 1988) Evert Albert Alkema kiteb li:

*''It goes without saying that human rights have to be respected by public authorities, but do they also bind private persons or bodies? This is the well-known question of the third-party applicability of human rights, or* ***Drittwirkung*** *(effect on third party) as it is called in German legal literature.....The subject is a very extensive one and is both theoretically and practically highly complex....'';*

Meta mbagħad jgħaddi in rassenja tad-diversi oriġini ta' dan il-kunċett, Alkema jikteb hekk:

*''The principle of third-party effect is hardly controversial when human rights are considered as deriving from the law of nature. In that line of thought they are so fundamental and essential that they deserve protection against any encroachment, be it private or public'';*

F'dan il-kuntest, il-ħsieb ta' dan l-awtur jaqbel ma' dak espress mill-Fasso ċċitat mir-rikorrent fin-nota tiegħu. Fl-ewwel żminijiet tal-formazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-

Drittijiet tal-Bniedem, jgħid l-awtur (p. 36), awturi legali kienu favur għall-*possibilità ta'* l-applikabilità ta' dan id-dritt lil terzi u jsemmi awtoritajiet bħal Golsong, Eissen, Sperduti, Tammes, Van Emde Boas u Meuwissen. Il-konklużjoni ta' din il-kitba (p. 45) bl-ebda mod ma hija determinanti;

*"The reference to the effectiveness of the rights raises (and perhaps even begs) the question of which rights can be affected by individuals and to what extent. This question is further compounded and complicated by the great variety of the rights and freedom guaranteed by the European Convention on Human Rights and its protocols and by the many ways in which they may effect relations between individuals. No sweeping statements, whether negative or positive, would as yet be proper. As Drzemezewski rightly concludes,* ***Drittwirkung*** *is still both at Strasbourg and in the member States a 'developing area of law, very much in embryonic form' and – it may be added – composed of many different elements";*

L-uniku spunt li jagħti l-awtur taħt l-intestatura "*The borderline between private and public acts*" (p. 39) hu dan li:

*"There is little need for* ***Drittwirkung*** *if the applicant's opponent – in spite of appearance – has acted in an official capacity"*. U hawn niġu għall-każ in diżamina;

Il-partijiet jaqblu li l-*Air Malta Company Limited* hija soċjetà ta' natura kummerċjali. Jaqblu wkoll li l-Gvern Malti għandu ishma li fil-preżent jammontaw għal 96.4% tax-"*shareholding*" totali. L-intimat *nomine* jissottometti li dan ma jbiddel xejn min-natura ġuridika tal-kumpanija bħala soċjetà kummerċjali. Min-naħa l-oħra, oltre li rrefera għall-

*"Memorandum and Articles of Association"* tas-soċjetà (esebit bħala Dok. A mir-rikorrent a fol. 52 tal-proċess), irrefera wkoll għal uħud mid-disposizzjonijiet kontenuti fl-Att XLIII ta' l-1972 dwar l-Avvjazzjoni Ċivili;

Huwa minnu li għal dak li hu trasferiment ta' ishma, il-posizzjoni mhix differenti minn dak li nsibu f'soċjetajiet kummerċjali oħrajn anki għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-*"objects"* tas-soċjetà. Iżda l-posizzjoni rigward il-ħatra tad-Diretturi u taċ-*Chairman* tal-kumpanija juru intervent dirett min-naħa tal-Gvern. Hekk insibu fl-artikolu II:

*"II(a) The Directors shall be appointed as follows:*

*(i) when the directors are not more than five, three shall be appointed by the Government of Malta and two by the holders of the "B" ordinary shares;*

*(ii) when the directors are more than five, five directors shall be appointed in the manner provided under para. (a)(i) of this clause and the additional directors shall be appointed in equal numbers by the Government of Malta and by the holders of shares issued subsequently to the signing of the Memorandum of the Company in such manner that for each nine per centum of the share capital so issued there shall be appointed two directors, one by the Government of Malta and one by the holders of the said percentage of the share capital;*

*(b) The Chairman of the company shall be appointed by the Government of Malta from among the directors appointed by it;*

*14. Notice of every meeting of the Board of Directors shall be given to all the directors of the Company and shall in no case be less than 3 days. Notice to directors of the company not present in Malta shall be given by telex or telegram. The requirement for such notice may be waived by a decision of the directors present if there is a quorum present and the meeting is attended by at least three directors appointed by the Government of Malta.....*

*15. If at any meeting the Chairman is not present within thirty minutes after the time appointed for holding the same, the directors present may choose one of their number from among the directors appointed by the Government of Malta to be Chairman of the meeting";*

Mis-suespost tidher evidenti kemm il-preżenza tad-diretturi maħturin mill-Gvern ta' Malta fuq il-Bord tad-Direttur ta' l-*Air Malta Co. Ltd.*, mhux biss hija waħda determinanti imma meħtieġa statutorjament biex tinżamm laqgħa ta' l-istess bord. Jekk imbagħad wieħed jara x'jgħid l-Att numru XLIII/1972 dwar l-Avjazzjoni Ċivili (ara Taqsima III, art. II(3) ) – insibu li ġej:

"B'dak kollu li jinsab fid-disposizzjoni ta' xi liġi oħra, kull tibdil jew żieda fil-memorandum jew fl-istatut ta' l-assoċjazzjoni ta' kumpanija li tiegħu, fil-ħin ta' dak it-tibdil jew żieda, il-Gvern ta' Malta jkollu azzjonijiet jew obbligazzjonijiet kif ipprovdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, **ma jkollux effett** qabel dik id-data li fiha dak it-tibdil jew iż-żieda jiġu approvati b'*Riżoluzzjoni* tal-Kamra tad-Deputati jew f'dik id-data wara, jekk ikun hemm, kif ikun preskritt f'xi liġi oħra" (sottolinear tal-Qorti);

Dana jfisser, fil-fehma tal-Qorti illi barra li hemm l-id, ossija l-kontroll, da parti ta' l-Eżekuttiv f'dik li hija ħatra taċ-*Chairman* u ta' numru ta' diretturi, hemm inoltre l-kontroll ulterjuri u obbligatorju tal-Leġislattiv fir-rigward ta' "kull tibdil jew żieda" fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni" tal-kumpanija. Il-Qorti ma tarax kif jista' jkollok aktar *"a state-controlled corporation"* aktar minn hekk. Aktar u aktar, għaliex kull każ dejjem irid jitqies taħt il-fattispeċji partikolari tiegħu, hawn si tratta ta' soċjetà li fil-preżent għandha *"shareholding"* assolut, f'dik li hija maġġoranza, f'idejn il-Gvern;

Jekk wieħed jara x'tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta, issib li din la tispeċifika u lanqas tiddistingwi dwar min jista' jiġi sottopost legalment bħala konvenut. Min-naħa tiegħu l-intimat *nomine* jikkonċedi li ċertament l-Istat u l-organu tiegħu jaqgħu taħt dan id-dispositiv, kompriżi enti pubbliċi u korporazzjonijiet parastatali. Fil-fatt saru diversi proċeduri f'dan il-kuntest. Ir-rikorrent issottometta li anke bejn individwi bejniethom ittieħdu proċeduri fl-imgħoddi f'sede kostituzzjonali għalkemm ma jidhirx illi f'dan ir-rigward ġiet ukoll issollevata l-eċċezzjoni in diżamina. Dina l-Qorti ma jidhrilhiex però li s-soċjetà konvenuta hija soċjetà kummerċjali kwalsiasi jew għandha l-istess *locus standi* bħala xi ċittadin kwalunkwe. Kif diġà ntqal *supra,* is-soċjetà konvenuta għandha inerenti fl-istruttura tagħha proċeduri li jinvolvu l-intervent u l-parteċipazzjoni ta' l-Eżekuttiv u di più, għal dak li hu kull tibdil fil-Memorandum jew *Articles of Association* hemm il-ħtieġa obbligatorja u *ad validitatem* min-naħa tal-Leġislattiv permezz ta' riżoluzzjonijiet *ad hoc* tal-Kamra tad-Deputati. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-intimat *nomine* fl-ewwel paragrafu hija nfondata u għandha tiġi miċħuda;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimat ippreżentat fit-8 ta' Frar, 1989, li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija mogħtija fit-30 ta' Jannar, 1989, billi, prevja l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni tiegħu, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Carmelo *sive* Charles Buttigieg ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 1989;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li ġie issollevata mill-intimat appellant u li għandha tiddeċidi din il-Qorti hija jekk teżistix azzjoni għal rimedju għall-ksur tad-drittijiet fundamentali ħlief kontra l-Istat. L-azzjoni preżenti qiegħda tiġi bbażata sija fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta (art. 45 u 36) kif ukoll fuq id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja (art. 14 u art. 3) inkwantu li dawn ġew magħmula parti mil-liġi sostanzjali ta' Malta bl-Att XIV ta' l-1987. Il-Qorti għalhekk, għal raġunijiet ta' kjarezza, sejra tikkunsidra u teżamina l-imsemmija kwistjoni l-ewwel taħt id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u mbagħad taħt l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja ntrodotta bl-imsemmi Att XIV ta' l-1987;

Ikkunsidrat:

Għandu jiġi osservat li fil-waqt li drittijiet legali ordinarji

huma protetti bil-liġi ordinarja tal-pajjiż, drittijiet fundamentali huma protetti u salvagwardati bil-Kostituzzjoni tal-pajjiż, fil-każ tagħna l-Kostituzzjoni ta' Malta. Dawn id-drittijiet ordinarji li jistgħu jiġu mibdula mil-leġislatur bil-proċess ordinarju ta' leġislazzjoni, id-drittijiet fundamentali, billi huma garantiti mill-Kostituzzjoni, ma jistgħux jiġu mibdula jekk mhux bit-tibdil tal-Kostituzzjoni nnifisha u dana bil-mod u bir-restrizzjonijiet imposti mill-istess Kostituzzjoni;

Isegwi għalhekk li fil-waqt li drittijiet legali ordinarji jaqgħu taħt id-dritt privat u jirrigwardaw ir-relazzjonijiet bejn żewġ persuni, drittijiet fundamentali jaqgħu taħt id-dritt pubbliku u għalhekk jikkostitwixxu dawk id-drittijiet li persuna jkollha kontra l-Istat innifsu. Fil-każ ta' drittijiet fundamentali huwa l-Istat li huwa marbut;

L-awtur awtorevoli Durga Das Basu, li jesrpimi l-imsemmija opinjoni *(Commentary on the Constitution of India* Vol. A p. 257) u li din il-Qorti, kif kostitwita, taqbel magħha, jiċċita in sostenn ta' l-imsemmija distinzjoni s-sentenza tal-Qorti Suprema Amerikana *in re Butchers' Union vs Crescent City Co* (1883) 28 L.Ed.585, li qalet: *"These rights (i.e. those guaranteed by a Bill of Rights) are different from concrete rights which man may have to a specific chattel or to a piece of land or to the performance by another of a particular contract or to damages for a particular wrong all of which may be invaded by individuals; they are the capacity, power or privilege of having and enjoying those concrete rights and of maintaining them in the courts, which capacity, power or privilege can only be invaded by the State....."*;

Jidher għalhekk mill-imsemmija prinċipji fuq enunċjati li fil-waqt li drittijiet legali ordinarji jistgħu jiġu eżerċitati kontra persuna, drittijiet fundamentali jistgħu jiġu eżerċitati biss kontra l-Istat u mhux għall-vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali minn persuni privati, fil-kliem tal-Basu (p. 251) però *"except where the State supports such private action"*;

Il-kwistjoni però quddiem il-Qorti hija din: apparti l-filosofizja tad-drittijiet fundamentali kif fuq esposta, x'inhija l-posizzjoni taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta li hija l-liġi suprema tal-pajjiż? Hija dina l-kwistjoni li l-Qorti għandha u sejra tinvesti qabel ma tidħol biex tikkunsidraha b'mod partikolari fir-rigward ta' l-artikolu 45 u ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

Fil-bidu tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jikkontempla d-drittijiet u libertajiet fundamentali hemm disposizzjoni ta' indoli ġenerali li fil-fehma tal-Qorti tispjega l-iskop kollu tal-Kapitolu IV. Din id-disposizzjoni tgħid hekk: "32. Billi kull persuna f'Malta hiija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu, jiġifieri d-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin jew sess tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u libertajiet ta' l-oħrajn u ta' l-interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

(a) il-ħajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi;

(b) il-libertà ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni politika; u

(ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu, id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi l-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija ta' l-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku'';

Billi din id-disposizzjoni tifforma parti mil-liġi kostituzzjonali tal-pajjiż u għalhekk mid-dritt pubbliku Malti, wieħed għandu jifhem li b'dik id-disposizzjoni l-liġi Kostituzzjonali tagħna qiegħda tiggarantixxi lill-individwu d-drittijiet u libertajiet fundamentali hemm imsemmija b'ċerti limitazzjonijiet li huma maħsuba biex jiżguraw li t-tgawdija tagħhom ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn kif ukoll l-interess pubbliku. Kif josserva Hood Phillips, *Constitutional & Administrative Law* (paġ. 9, Ediz. 1987); ''*Constitutional law enhances that part of a country's laws which relates to the following topics, among others: the method of choosing the Head of State, whether king or president; the constitution of the legislature, its powers and the privileges of its members ..... the tenure and the immunities of judges,* **civil liberties and their limitations**.....'';

L-imsemmija disposizzjoni ma ssemmi bl-ebda mod minn min jistgħu jiġu vvjolati d-drittijiet u libertajiet fundamentali hemm imsemmija sabiex dawn jiġu protetti bid-disposizzjonijiet l-oħra kostituzzjonali fil-Kapitolu IV iżda billi si tratta ta' drittijiet kostituzzjonali u mhux ta' drittijiet ordinarji, l-imsemmija disposizzjoni, għalkemm konċepita f'termini ġenerali, għandha tiġi kkunsidrata li tirrigwarda r-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-individwu. Il-liġi Kostituzzjonali, b'dik id-disposizzjoni, qiegħda

tenunċja l-prinċipju tal-protezzjoni, da parti ta' l-Istat, tad-drittijiet u libertajiet fundamentali hemm imsemmija iżda appuntu għaliex hija parti mid-dritt, kostituzzjonali u għalhekk mid-dritt pubbliku tal-pajjiż, qiegħda wkoll fl-istess ħin tenunċja l-prinċipju ta' protezzjoni mill-Istat tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' ħaddieħor kif ukoll ta' l-interess pubbliku;

L-imsemmija disposizzjoni għalhekk qiegħda tikkontempla l-protezzjoni li għandu jagħti l-Istat f'din il-materja ta' drittijiet fundamentali, iżda ma tagħmel ebda distinzjoni dwar il-każ fejn dritt fundamentali jiġi vvjolat mill-Istat jew minn individwu. Kwindi ma jistax jiġi eskluż ***a priori*** li l-Istat qiegħed jagħti dik il-protezzjoni mhux biss meta dritt fundamentali jiġi vvjolat mill-Istat iżda anke fejn jista' jiġi vvjolat minn individwuu li għalhekk għandha tingħata azzjoni għall-protezzjoni ta' dritt fundamentali mhux biss meta dak id-dritt fundamentali ikun qed jiġi vvjolat mill-Istat iżda anke minn individwu, fejn il-kliem tal-Kostituzzjoni jidher li jistgħu jiġu hekk ivvjolati;

Kif taraha l-Qorti, kollox jiddependi mit-termini użati fid-diversi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni rigwardanti d-drittijiet fundamentali. Kif josserva l-imsemmi awtur Basu (kemm-il darba ċitat minn dil-Qorti) fl-opera tiegħu fuq imsemmija (paġna 273, Ediz. 1982): *"Another classification of the Fundamental Rights of our Constitution is that while some of the rights impose limitations upon State action (e.g. Arts. 14; 15(1); 16; 18(1) 19; 20 – 22; 31) there are other provisions which are limitations upon the freedom of action of private individuals as well (e.g. Arts. 15(2); 17; 18(2); 23(1); 24).* Għalhekk, ikompli josserva l-Basu, għalkemm skond il-filosofija rigwardanti drittijiet fundamentali, dawn jeżistu fil-konfront ta' l-Istat, dan il-prinċipju ġenerali *"was not borne in mind by the makers of our Constitution. The result*

*has been to introduce some anomalies into Part III''* u iktar tard jissokta jgħid (fol. 274); ''*Our Constitution makers, however, refused to accept the extreme view taken in the Civil Rights Cases to the effect that the violation of individual rights by private persons was the proper subject of municipal legislation and could not come within the scope of the organic law'';*

L-istess jista' jingħad a rigward tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalkemm skond il-filosofija rigwardanti drittijiet fundamentali, dawn jeżistu fil-konfront ta' l-Istat u jistgħu jiġu salvagwardati b'kawża appożita kontra l-istess Stat, l-imsemmi prinċipju ġenerali ma ġiex enunċjat mill-Kostituzzjoni u ma jistax jiġi eskluż li f'ċerti każijiet drittijiet fundamentali jistgħu jeżistu wkoll fil-konfront ta' individwu u għalhekk l-istess jistgħu jiġu salvagwardati. Kollox jiddependi mit-termini użati mill-Kostituzzjoni. Is-soluzzjoni tal-kwistjoni wieħed għandu jsibha fil-kliem użati mill-istess Kostituzzjoni meta kkontemplat *seriatim* id-diversi drittijiet fundamentali;

Kwindi l-Qorti għandha f'kull każ teżamina dawk il-kliem u mbagħad a bażi tagħhom u tal-kuntest li fih jinsabu tiddeċidi setgħetx l-azzjoni tiġi eżerċitata kontra l-intimat. Jinkombi għalhekk lill-Qorti li teżamina d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li a bażi tagħhom qegħdin jiġu istitwiti l-proċeduri preżenti;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni preżenti qiegħda tiġi bbażata fl-ewwel lok fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu fis-subartikolu (1) jiddisponi li ''bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4)(5) u (7) ta' dan l-artikolu, *ebda liġi ma għandha tagħmel* xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew l-

effett tagħha''. *Huwa evidenti* li dan is-subartikolu (li lanqas ġie nvokat mill-intimat appellant fis-sottomissjonijiet tiegħu) huwa rrilevanti fil-każ preżenti peress li *non si tratta* ta' liġi diskriminatorja;

Is-subartikolu (2) (u dan huwa s-subartikolu li għalih l-intimat appellant għamel riferenza) imbagħad *jiddisponi*: ''Bla ħsara *għad-disposizzjonijiet tas*-subartikoli (6)(7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi *kariga* pubblika jew xi awtorità *pubblika*'';

Minn eżami ta' din id-disposizzjoni *jidher* ċar li l-leġislatur *ried jillimita* l-*protezzjoni minn* diskriminazzjoni *għall-attijiet* magħmula minn persuna bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika. Huwa *evidenti li l-intimat* appellant *nomine*, li kontra tiegħu qiegħda tiġi avvanzata l-imsemmija pretensjoni ta' diskriminazzjoni, ma jaqax taħt l-imsemmija kliem tal-Kostituzzjoni. La huwa xi persuna *li qiegħed* jaġixxi bis-saħħa ta' *xi liġi miktuba* jew fil-qadi tal-funzjoni ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika;

Għandu *jingħad a propożitu* li l-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 124(1) tiddefinixxi l-kelma ''kariga pubblika'' bħala li tfisser kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku, u ''s-servizz pubbliku'' jfisser is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga ċivili. Dawn id-definizzjonijiet ċertament ma japplikawx għall-intimat appellant *nomine*;

*Għalhekk il-Kostituzzjoni* f'dan l-artikolu qiegħda

tikkontempla biss il-vjolazzjoni kommessa minn individwu li jokkupa karika bi ħlas fis-servizz pubbliku, ċjoè fis-servizz tal-Gvern ta' Malta, ħaġa li l-Qorti, kuntrarjament għall-ewwel Qorti, ma tarax li jista' jingħad fil-każ preżenti, għalkemm il-kumpanija intimata hija kkontrollata mill-Gvern;

Għaldaqstant il-Qorti tara li s-sottomissjoni magħmula mill-intimat appellant *nomine* fejn tirrigwarda l-azzjoni nkwantu li din hija bbażata fuq l-artikolu 45(2) hija fondata;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent appellat qiegħed fit-tieni lok jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni billi jippretendi li qed jiġi assoġġettat għal trattament degradanti. L-artikolu in kwistjoni jiddisponi li ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti;

Dawn il-kliem huma ġeneriċi ħafna u l-Qorti ma tarax li hija tista' tillimitahom għal trattament degradanti da parti ta' l-Istat biss iżda jistgħu japplikaw ukoll għal trattament degradanti da parti ta' persuna. Fil-fehma tal-Qorti, huwa probabbli li għalkemm fil-maġġor parti tal-każijiet, jekk ikun hemm trattament degradanti, dan ikun da parti tal-każijiet, jekk ikun hemm trattament degradanti, dan ikun da parti ta' l-Istat, eppure ma jistax jiġi eskluż li jkun hemm trattament degradanti da parti ta' persuna, sija fiżika kif ukoll morali, u għalhekk il-Qorti tirritjeni li s-sottomissjoni ta' l-intimat appellant *nomine* fejn tirrigwarda l-azzjoni inkwantu bbażata fuq l-artikolu 36 mhiex fondata;

Ikkunsidrat:

*Ir-rikorrent* appellat qiegħed ukoll jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiddisponi li "*no one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment*" kif ukoll fuq l-artikolu 14 li jgħid li: "*The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status*";

F'dan ir-rigward il-Qorti hi tal-fehma li għandhom jidħlu konsiderazzjonijiet oħra. Il-Qorti tosserva li l-Att XIV ta' l-1987; li bih ġew introdotti f'Malta *inter alia* l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja, huwa intitolat bħala "Att *li jipprovdi* sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jsiru u jkunu eżegwibbili bħala parti *mil-liġi ta'* Malta;

L-iskop ta' l-Att XIV ta' l-1987 għalhekk huwa li l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropeja jsiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-liġi tagħna u fil-fatt l-artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-1987 jiddisponi espressament li "Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta";

Dak li għandu kemm intqal hawn fuq joħroġ ukoll minn dak li ntqal, meta kien qed jiġi diskuss l-Att XIV ta' l-1987 fil-Parlament, mill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja fis-seduta Parlamentari tat-3 ta' Awissu, 1987 (paġ. 1479) fejn wara li qal li l-ewwel pass li ttieħed kienet l-adezjoni tal-Gvern Malti għall-Konvenzjoni fl-1966 bir-riżervi żgħar hemmhekk indikati u li

bl-adezjoni tal-Gvern Malti fit-30 ta' April, 1987 ġew rikonoxxuti d-dritt tal-petizzjoni individwali u tal-forza ġurisdizzjonali tal-Qorti ta' Strasbourg, kompla jgħid: "Dan l-Abboz ta' Liġi li qed nippreżenta quddiem il-Kamra huwa biex dak li ġie rikonoxxut fid-dritt internazzjonali jkollu s-saħħa tal-liġi għal kull wieħed f'dan il-pajjiż";

*F'dan ir-rigward forsi wkoll ta' min jiċċita* l-*artikolu 1* tal-Konvenzjoni li jiddisponi li *"The High Contracting Parties* (u Malta kienet waħda mill-*High Contracting parties) shall secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in Section I of this Convention".* U dak hu appuntu dak li kien qed isir meta ġiet promulgat l-Att XIV ta' l-1987;

Mela l-iskop tal-leġislatur kien li jikkonferixxi fuq kull wieħed f'dan il-pajjiż id-drittijiet u *libertajiet fundamentali* rikonoxxuti internazzjonalment mill-Konvenzjoni Ewropeja;

Issa jekk wieħed jeżamina d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed jinduna ma' l-ewwel li l-azzjoni hija eżerċitata biss kontra xi wieħed mill-*High Contracting Parties* (i.e. l-Istat) u mhux kontra persuna (ara art. 24 u 25). Il-Konvenzjoni Ewropeja qiegħda tagħti lill-individwu d-dritt li jaġixxi kontra l-Istat tiegħu li huma kkontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux id-dritt li jaġixxi kontra persuna;

Billi, kif jidher minn dak li ntqal hawn fuq, l-intenzjoni tal-leġislatur tagħna meta ppromulga l-Att XIV ta' l-1987 kienet li jikkonferixxi lil kull min qiegħed f'dan il-pajjiż l-istess drittijiet u libertajiet li tagħti l-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed għandu jikkonkludi li dawn id-drittijiet u libertajiet magħmula parti mil-liġi tagħna u hemm trasportati *en bloc* huma eżerċitabbli (bħal

*fil-każ tal*-Konvenzjoni Ewropeja) unikament kontra l-Istat;

Interpretazzjoni oħra tkun tfisser *li* l-leġislatur ikun qed jikkonferixxi *drittijiet* aktar minn dawk ikkontemplati fil-Konvenzjoni Ewropeja, ħaġa li ċertament ma kinetx fl-intenzjoni tiegħu. Interpretazzjoni oħra tkun tfisser ukoll li jkun hemm kontradizzjoni fis-sens li fil-waqt li taħt l-Att XIV ta' l-1987 l-*artikoli sostantivi* tal-Konvenzjoni Ewropeja jkunu eżegwibbli hawn Malta wkoll kontra persuna, dak l-istess drittijiet, fil-każ ta' l-eżerċizzju tad-dritt tal-petizzjoni individwali (li għalih hemm riferenza *fl-artikoli* 5 u 6 *ta'* l-*imsemmi* Att) ma jkunux eżegwibbli hawn Malta kontra persuna iżda unikament kontra l-Istat);

Isegwi għalhekk *li l-eċċezzjoni* ta' l-intimat appellant *nomine* fejn tirrigwarda l-azzjoni nkwantu li din hija bbażata fuq l-artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija fondata;

*Jista' jiżdied* li l-Qorti ma tara li l-ebda argument in kuntrarju għall-imsemmija konklużjoni ma jista' jittieħed mill-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ċċitat mir-rikorrent li jiddisponi li *"Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity"*, u b'mod *partikolari* mill-aħħar kliem ta' dan l-artikolu. Kif ġie osservat fil-kawża Op.com., 14 ta' Diċembru, 1979, *Case of Young, James and Webster* S.177 p. 38 (ċitata fid-Digriet Vol. IV taħt *l*-art. *13*, paġ. *38): "As article 13 adds to the main guarantee the words: 'notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity', it indicates that the article is concerned with individuals acting for the State".* Hekk ukoll fil-kawża Op.Com., 8 ta' Ottubru, 1980, *Case of*

*Sporrong and Lonnroth* SS156 – 158 pp. 62 – 63 (riportata fid-Diġest Vol. IV taħt l-istess art. 13, paġ. 39), *"The Commission considers that the purpose of article 13 would only be met if a national authority were in some way competent to apply the Convention or corresponding principles of national law effectively as a corrective against alleged violations resulting from administrative decisions at any level"*. Il-kliem *"notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity"* għalhekk hemm intiżi biex jeskludu kwalunkwe dottrina ta' l-immunità ta' l-Istat f'każ ta' vjolazzjonijiet riżultanti minn deċiżjonijiet amministrattivi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat appellant *nomine* nkwantu li l-azzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi tiddikjara li ma teżistix azzjoni kontra l-intimat appellant *nomine* għal rimedju bbażat fuq l-istess artikolu 45 u billi tilqa' wkoll l-imsemmija eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat appellant *nomine* inkwantu li l-azzjoni qed tiġi bbażata fuq l-artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jinsabu fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 billi tiddikjara li ma teżistix azzjoni kontra l-intimat appellant *nomine* bbażata fuq l-istess artikoli u għalhekk f'dan ir-rigward tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tiċħad l-azzjoni ta' l-attur inkwantu bbażata fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fuq l-artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u billi wkoll tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni preliminari nkwantu li l-azzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk f'dan ir-rigward tikkonferma s-sentenza appellata u tibgħat lura l-atti tal-proċess għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. In vista tan-novità tal-kwistjoni, l-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din istanza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn

**il-kontendenti.**